Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/861

19.3.2024

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/861

tal-15 ta' Marzu 2024

dwar ir-rikonoxximent tar-rapport li jinkludi informazzjoni dwar l-emissjonijiet tipiċi ta' gassijiet serra mill-kultivazzjoni taż-żieragħ żejtnija tal-lift (kolza) fil-Kanada skont l-Artikolu 31(3) u (4) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 31(4) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tistabbilixxi li l-bijofjuwils, il-bijolikwidi, u l-fjuwils tal-bijomassa għandhom iwasslu għall-iffrankar sinifikanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra meta mqabbla mal-fjuwils fossili biex ikunu jistgħu jingħaddu lejn il-miri stabbiliti f'dik id-Direttiva. Għal dan il-għan, l-Artikolu 29(10) jistabbilixxi limiti speċifiċi għall-iffrankar tal-emissjonijiet għal dawk il-fjuwils, u l-Artikolu 31 jirregola kif għandu jiġi kkalkulat l-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-użu tagħhom. Meta jsiru dawk il-kalkoli, jistgħu jintużaw il-valuri prestabbiliti stipulati fl-Annessi V u VI tad-Direttiva (UE) 2018/2001. Minflok il-valuri prestabbiliti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-kultivazzjoni ta' materja prima agrikola, jistgħu jintużaw valuri tipiċi taħt ċerti kundizzjonijiet. Dawn il-valuri tipiċi, li jirrappreżentaw il-valur medju f'żona speċifika, jistgħu jiġu rrappurtati lill-Kummissjoni mill-Istati Membri jew minn pajjiżi terzi. Il-valuri tipiċi jistgħu jintużaw biss jekk il-Kummissjoni tirrikonoxxihom bħala akkurati.

(2) Fit-23 ta' Awwissu 2023, il-Kanada bagħtet ir-rapport finali bid-*data* biex jitkejlu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra assoċjati mal-kultivazzjoni taż-żieragħ żejtnija tal-lift (kolza) tipikament prodotti f'reġjuni fil-Kanada ekwivalenti għar-reġjuni NUTS 2 ([2]) tal-Unjoni, lill-Kummissjoni, u talbet li l-akkuratezza ta' tali *data* tiġi rikonoxxuta f'konformità mal-Artikolu 31(4) tad-Direttiva (UE) 2018/2001.

(3) Il-Kummissjoni vvalutat ir-rapport u sabet li fih *data* akkurata għall-finijiet tal-kejl tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra assoċjati mal-kultivazzjoni taż-żieragħ żejtnija tal-lift (kolza) tipikament prodotti f'reġjuni fil-Kanada ekwivalenti għar-reġjuni NUTS 2 tal-Unjoni.

(4) Il-Kummissjoni tista' tirrevoka din id-Deċiżjoni jekk jintwera biċ-ċar li d-*data* li hemm fir-rapport ma għadhiex akkurata għall-finijiet tal-kejl tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra assoċjati mal-kultivazzjoni taż-żieragħ żejtnija tal-lift (kolza) prodotti fil-Kanada.

(5) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar is-Sostenibbiltà tal-Bijofjuwils, il-Bijolikwidi u l-Fjuwils tal-Bijomassa.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-rapport li ressqet il-Kanada għar-rikonoxximent tal-Kummissjoni fit-23 ta' Awwissu 2023 fih *data* akkurata għall-finijiet tal-kejl tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra assoċjati mal-kultivazzjoni taż-żieragħ żejtnija tal-lift (kolza) tipikament prodotti f'reġjuni fil-Kanada ekwivalenti għar-reġjuni NUTS 2 tal-Unjoni. Is-sommarju tad-*data* tar-rapport huwa stabbilit fl-Anness.

([1]) ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82.
([2]) In-NUTS hija sistema ta' klassifikazzjoni għall-unitajiet territorjali tal-UE għall-istatistika.

Artikolu 2

Jekk id-*data* li hemm fir-rapport, kif tressaq lill-Kummissjoni għar-rikonoxximent fit-23 ta' Awwissu 2023, tinbidel b'xi mod li jista' jaffettwa l-bażi ta' din id-Deċiżjoni, dawn il-bidliet għandhom jiġi nnotifikati lill-Kummissjoni minnufih. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-bidliet innotifikati biex tiddetermina jekk ir-rapport ikunx għadu jipprovdi d-*data* akkurata li għaliha huwa rikonoxxut.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Hija għandha tieqaf tapplika fit-8 ta' April 2029.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Marzu 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-kultivazzjoni taż-żrieragħ żejtnija tal-lift (kolza) fir-reġjuni Kanadiżi (tunnellata ta' ekwivalenti ta' CO_2/tunnellata ta' żrieragħ tal-lift maħsuda abbażi tal-materja niexfa)

Ekwivalenti għal NUTS 2		N_2O fil-ħamrija		Inkorporat			Fjuwil użat	Żerrieġħa	Totali
Unitajiet ta' Rikonċiljazzjoni (RU)		Dirett	Indirett	Fertilizzant	Newtralizzazzjoni	Pestiċida			
Manitoba	RU22	0,445	0,089	0,223	0,047	0,008	0,059	0,002	0,873
	RU23	0,255	0,063	0,208	0,047	0,007	0,052	0,002	0,633
	RU24	0,207	0,058	0,205	0,045	0,007	0,052	0,002	0,575
Saskatchewan	RU28	0,146	0,053	0,206	0,044	0,006	0,043	0,002	0,500
	RU29	0,118	0,047	0,212	0,044	0,007	0,043	0,002	0,473
	RU30	0,150	0,037	0,218	0,045	0,007	0,043	0,002	0,503
Alberta	RU34	0,223	0,065	0,229	0,050	0,007	0,049	0,002	0,625
	RU35	0,160	0,047	0,193	0,040	0,007	0,045	0,002	0,493
	RU37	0,339	0,039	0,232	0,047	0,008	0,056	0,002	0,723